Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,546, 29 ta' Diċembru, 2020
Taqsima B

A.L. 477 tal-2020

ATT DWAR TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD
(KAP. 406)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw il-Ħmistax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 75 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, għan u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw il-Ħmistax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Ħmistax-il Skeda li tinsab mal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "il-Ħmistax-il Skeda". Kap. 406.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom idaħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1756 tal-20 ta' Novembru 2020 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-persuni taxxabbli fl-Irlanda ta' Fuq.

(3) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021.

Jemenda l-Ħmistax-il Skeda.

2. Il-Ħmistax-il Skeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-partita 1 tagħha għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fl-Ewwel Kolonna tagħha, il-kliem "Renju Unit" għandhom jiġu mħassra; u

(ii) fit-Tieni Kolonna tagħha, il-kliem "Ġibilta" u "Iċ-Channel Islands" għandhom jiġu mħassra; u

(b) il-partita 2 tagħha għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"2. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' hawn fuq, l-Irlanda ta' Fuq, iż-Żoni tal-Bażi Sovrana tar-Renju Unit ta' Akrotiri u Dhekelia u l-Prinċipat ta' Monaco għandhom jitqiesu bħala territorji ta' Stati Membri u, soġġetti għall-kondizzjonijiet li ġejjin, transazzjonijiet li joriġinaw

Verżjoni Elettronika

ġewwa jew li huma maħsuba għal:

(a) Irlanda ta' Fuq, fejn it-transazzjonijiet jikkonsistu fi provvisti ta' oġġetti, għandhom jiġu trattati bħala transazzjonijiet li joriġinaw ġewwa jew maħsuba għal Stat Membru. Għall-iskop ta' "numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud" kif imfisser fl-artikolu 2(1) tal-Att, il-prefiss "XI" għandu jintuża għall-Irlanda ta' Fuq;

(b) Żoni tal-Bażi Sovrana tar-Renju Unit ta' Akrotiri u Dhekelia għandhom jiġu trattati bħala transazzjonijiet li joriġinaw ġewwa jew maħsuba għal Ċipru; u

(ċ) il-Prinċipat ta' Monaco għandhom jiġu trattati bħala transazzjonijiet li joriġinaw ġewwa jew maħsuba għar-Repubblika Franċiża.".